MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 37/2024 LM

**Christian Ellul (K.I. numru 301479(M)) u**
**Karl Schranz (K.I. numru 373380(M))**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Malta Financial Services Authority**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data** [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' April, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal tal-Appelli Dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn

issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda r-rikors tal-appell tal-appellanti **Christian Ellul (K.I. numru 301479(M))** u **Karl Schranz (K.I. numru 373380(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellanti’] fil-konfront tal-**Malta Financial Services Authority** [minn issa ’l quddiem ‘l-Awtorità appellata’], billi laqgħu u rrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-20 ta’ Jannar, 2021 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni tal-Kummissarju’], u ddeċieda:

> *“...li l-website* <u>*www.offshorealerts.com*</u> *ppubblikat d-*data *personali tal-appellanti fit-18 ta’ Novembru 2019 ċioé qabel ma din ġiet publikata b’mod uffiċjali mill-MFSA fil-25 ta’ Novembru 2019 u li l-Awtorità appellata hija responsabbli għal dan l-iżvelar”.*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw ilment li ressqu l-appellanti mal-Kummissarju *ai termini* tas-subartikolu 77(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, fejn allegaw li l-Awtorità appellata kienet żvelat informazzjoni dwar diversi azzjonijiet regolatorji li kienu ttieħdu fil-konfront tagħhom, anki ta’ *data* personali tagħhom, lill-ġurnalist/*blogger* ta’ *Offshore Alert* fi żmien qabel ma ġiet ippubblikata b’mod uffiċjali mill-istess Awtorità appellata. L-appellanti kkontendew li l-informazzjoni in kwistjoni dehret fuq il-*website* ta’ *Offshore Alert* taħt artiklu ntestat ‘*Cancellation of Registration’* fit-18 ta’ Novembru, 2019, jiġifieri ġurnata qabel ma ġiet ikkomunikata lilhom permezz ta’ *email* mill-istess Awtorità appellata. Il-Kummissarju ddeċieda l-ilment tal-appellanti kif ġej:

> *“8. Taking into consideration the submissions made by the controller and those entered by the complainants, together with the verifications sought from the third party which confirm that the information on its website was published on*

*the 25th November 2019 and that the 18th November 2019 merely refers to the date when the decision was taken by the controller.*

9. *Having noted that, whereas the complainants did not submit any concrete evidence to support their allegations, the complaint was solely based on their unsubstantiated conclusion that the 18th November 2019 was the date when the information was published by the third party on its website.*

10. *Remarking that the only evidence produced by the complainants was a screenshot that failed to include the taskbar, generally appearing at the bottom of the user's screen and which includes the system time and date. This crucial information would have clearly shown when the screenshot was taken and would have substantiated, without casting any shadow of doubt, the veracity of the complainant's allegation, more specifically, that the information was published on the third party website on the 18th November 2019 and before such information formally entered the public domain.*

***On the basis of the foregoing, the Commissioner concludes that he did not come across any evidence during the course of his investigation which unequivocally demonstrates that there was unauthorised disclosure of the complainant's personal*** **data** ***to the third party.***

***Consequently, the Commissioner hereby decides that the controller did not infringe the provisions of the Regulation and dismisses the complaint in its entirety."***

## Mertu

3. L-appellanti appellaw minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal fejn talbuh sabiex:

*"(1) tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, datata 20 ta' Jannar tas-sena 2021 u li ġġorr referenza numru CDP/COMP/22/2020;*

*(2) konsegwentement takkolji l-ilment tal-appellanti kollha datat 22 ta' Jannar tas-sena 2020, hekk kif intavolat mal-*Office of Information and Data Protection Commissioner *u jekk dan mhux possibbli, alternattivament, tirrimetti d-deċiżjoni lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, għal rikunsiderazzjoni tad-deċiżjoni.*

*Bl-ispejjeż."*

4. L-Awtorità appellata wieġbet li l-appell kellu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Fir-rapport tiegħu, is-Sur Keith Cutajar fil-paġna ħamsa, imsemmi bħala l-*backend HTML*, jindika li ċertu David Marchant ippubblika l-artiklu fil-18 ta' Novembru, fejn it-test juri wkoll bħala titlu tal-paġna, "*E&S Consultancy Ltd.: Cancellation of Registration – OffshoreAlert"*.*
>
> *It-Tekniku Forensiku Diġitali estratta wkoll dettalji tal-pubblikazzjoni tal-25 ta' Novembru, fejn din id-darba f'paġna erba', il-*backend HTML *juri varjazzjoni fit-titlu tal-artiklu, li minnha jindika l-intenzjoni vera tiegħu.* https://www/offshorealert.com/malta-regulater-declares-es-consultancy-unfit-cancels-corporate-services-provider-registration/>
>
> *L-espert għalhekk ikkonkluda li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata li tirrevoka l-liċenzja lill-appellanti ġiet pubblikata ġurnata qabel mis-sit* www.offshorealerts.com*, liema sit ma għandu ebda konnessjoni mal-istess Awtorità."*

**L-Appell**

6. Il-Kummissarju ppreżenta rikors ta' appell quddiem din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2024, fejn talabha sabiex:

> *"...tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data *tat-18 ta' April 2024 fl-ismijiet premessi u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-20 ta' Jannar 2021 bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti."*

Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li t-Tribunal iddeċieda dwar *link* ta' artiklu li ma kienx ikkunsidrat fl-ilment li tressaq quddiemu, u għalhekk it-Tribunal ma żammx mal-parametri li fihom kellu jeżerċita l-ġudizzju tiegħu.

7. L-appellati wieġbu fis-17 ta' Lulju, 2024, fejn issottomettew li d-deċiżjoni appellata hija waħda ekwa, legalment korretta, ġusta u sew motivata, u għalhekk jistħoqilha li tiġi kkonfermata minn din il-Qorti.

8. L-Awtorità appellata wieġbet fid-9 ta' Awwissu, 2024, fejn filwaqt li tirrileva li hija wkoll intavolat appell quddiem din il-Qorti mid-deċiżjoni appellata, tissottometti li hija taqbel mal-argumenti miġjuba mill-Kummissarju u saħansitra fl-appell tagħha hija tagħmel argumenti simili għal tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju uniku tal-Kummissarju, u dan filwaqt li tevalwa dak li qal it-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u anki s-sottomissjonijiet tal-partijiet l-oħra kif imfissra fir-risposti rispettivi tagħhom.

10. Il-Kummissarju jissottometti li l-aggravju tiegħu huwa li t-Tribunal ħa deċiżjoni dwar *link* ta' artiklu li ma kienx jagħmel parti mill-ilment li sar mill-appellanti quddiemu, u għalhekk huwa ħareġ 'il barra mill-parametri li fihom huwa kellu jeżerċita l-ġudizzju tiegħu. Jirrileva li madankollu l-espert fir-rapport tiegħu tas-27 ta' Ġunju, 2023, kien iddikjara b'mod ċar li *"l-esponent ipprova jwettaq aċċess għas-sit li ġej:* <u>https://www.offshorealert.com/e-and-s-consultancy-ltd-malta-fsa-licence-cancellations.aspx</u>. *Dan l-aċċess irriżulta fin-negattiv peress li din is-*site *(URL) ma nstabitx fuq is-*server*, kif jidher hawn*

*taħt".* Hawnhekk il-Kummissarju pproduċa l-immaġini li dehret fir-rapport tal-imsemmi espert, u kompla jgħid li minflok ma dan waqaf hemm kif stabbilixxa li l-*link* ma kinitx għadha *online,* huwa estenda l-investigazzjoni tiegħu billi *"wettaq* search engine crawling *għal paġni b'riferenza għal dan l-artiklu"*. Jinsisti li b'hekk l-espert ma żammx fil-parametri tal-inkarigu tiegħu, u sab li kien hemm żewġ artikli oħra li kienu ġew ippubblikati rispettivament fil-25 ta' Novembru, 2019, intestat "*Malta regulator declares E&S Consultancy 'unfit', cancels corporate services provider registration – OffshoreAlert",* u l-ieħor fit-18 ta' Novembru, 2019, taħt https://www.offshorealert.com/es-consultancy-ltd-cancellation-of-registration/. Jgħid li l-espert iddikjara li dan tal-aħħar kien ġie kkreat l-ewwel darba fit-18 ta' Novembru, 2019, u b'hekk jirriżulta li huwa kien qiegħed jindaga dwar artiklu li ma kienx suġġett tal-ilment tal-appellanti, u għalhekk lil hinn mill-parametri tal-investigazzjoni li huwa bħala Kummissarju kien għamel. Filwaqt li jagħmel riferiment għall-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2016/679 li jistabbilixxi l-kompitu tiegħu, u jiċċita l-provvedimenti tal-para. (f) tas-subartikolu (1) tiegħu, jissottometti li l-enfażi prinċipali hija fuq is-suġġett tal-ilment. Jgħid li min-naħa tiegħu t-Tribunal qal li huwa kien *"qiegħed jistrieħ fuq il-konklużjoni tal-Espert Forensiku Diġitali, u jilqa' l-appell tal-appellanti u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-20 ta' Jannar 2021".* B'hekk il-Kummissarju jgħid li t-Tribunal ħareġ 'il barra mill-parametri li fihom huwa kellu jiddeċiedi l-ilment, u straħ minflok fuq il-kontenut li ttieħed mil-*link* li sab l-espert, u mhux il-*link* li dwaru l-appellanti kienu ressqu l-ilment tagħhom. Huwa jsostni li dak li għamel it-Tribunal potenzjalment iwassal għall-ambigwità u nuqqas ta' kjarezza fil-proċess investigattiv.

11. L-appellanti jilqgħu billi filwaqt li jissottomettu li l-appell odjern huwa wieħed vessatorju u frivolu, stante li l-kwistjoni kienet ġiet ittrattata quddiem it-Tribunal, isostnu li d-deċiżjoni appellata hija ekwa, legalment korretta, ġusta u immotivata tajjeb. Għalhekk jinsistu li għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti. Jirrilevaw li huwa prinċipju paċifiku u stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna, li qorti tal-appell ma tindaħalx fl-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel qorti, li fil-każ odjern huwa t-Tribunal, u dan sakemm ma ssibx li jkun seħħ żball manifest jew li l-ewwel qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma setgħetx waslet għall-konklużjoni li waslet għaliha. Jgħidu li dan kollu ma jirriżultax fil-każ odjern, u għaldaqstant il-Qorti m'għandhiex tiddisturba d-deċiżjoni appellata. Għal dak li jirrigwarda l-inkarigu li wettaq l-espert tekniku, l-appellanti jissottomettu li dan kien jikkonsisti f'analiżi u verifika tas-sit www.offshorealert.com, sabiex jistabbilixxi meta l-artiklu in kwistjoni kien ġie ppubblikat. Dan sab, kif jirriżulta wkoll mir-rapport tiegħu u fir-risposti tiegħu in eskussjoni, li l-artiklu mertu tal-ilment irriżulta fin-negattiv għaliex tneħħa minn fuq is-sit. L-appellanti jirrilevaw li madankollu l-espert ma waqafx hemm, iżda ttenta jsib minn fejn ġie dak l-artiklu permezz ta' analiżi tas-sit. Jikkontendu li wara kollox dan kien l-inkarigu tiegħu, u jsostnu li għalkemm il-*link* mertu tal-ilment tagħhom ma kienx aċċessibbli aktar, dan ma kienx ifisser li l-iżvelar kontrihom ma kienx seħħ u b'hekk jintesa. Jgħidu li l-espert sab artiklu ieħor li ma kienx jagħmel parti mill-ilment oriġinali tagħhom, iżda fejn kien hemm *tag-linked* l-artiklu in kwistjoni, sabiex b'hekk seta' jikkonstata li dan tal-aħħar kien fil-fatt ittella' u xxerred fuq is-sit www.offshorealert.com fit-18 ta' Novembru, 2019, li kien il-jum qabel ma huma kienu rċevew id-deċiżjoni tal-kanċellament tal-liċenzja tagħhom, u saħansitra ferm qabel il-25 ta' Novembru, 2019, meta l-

imsemmija deċiżjoni ġiet ippubblikata uffiċjalment mill-Awtorità appellata fuq is-sit tagħha. Hawnhekk huma jagħmlu riferiment partikolari għal dak li hemm miktub fil-verbal tat-Tribunal tas-6 ta' Lulju, 2023. L-appellanti jirrilevaw li skont l-espert, filwaqt li kien hemm il-possibilità ta' tibdil fl-isem mill-awtur tas-sit fil-paġna fil-25 ta' Novembru, 2019, it-*timestamp* ta' meta l-imsemmija paġna mertu tal-ilment tagħhom ġiet ikkreata l-ewwel darba, tirriżulta fit-18 ta' Novembru, 2019. Għalhekk it-Tribunal seta' joqgħod fuq din il-konklużjoni, stante li din kienet taqa' fil-parametri tiegħu. Huma jiċċitaw dak li qal proprju t-Tribunal li *"It-Tekniku Forensiku Diġitali estratta wkoll dettalji tal-pubblikazzjoni tal-25 ta' Novembru, fejn din id-darba f'paġna erba', il-*backend HTML *juri varjazzjoni fit-titlu tal-artiklu, li minnha jindika l-intenzjoni vera tiegħu.* https://www.offshorealert.com/malta-regulaterdecalres-es-consultancy-unfit-cancels-corporate-service-provider-registration/". L-appellanti jgħidu li għalhekk l-aggravju tal-Kummissarju ma jiswiex għaliex l-espert maħtur mit-Tribunal, u anki l-istess Tribunal, aġixxew fil-parametri rispettivi tagħhom. Huma rriżervaw id-dritt tagħhom li jippreżentaw sottomissjonijiet ulterjuri quddiem din il-Qorti skont il-ħtieġa.

12. L-Awtorità appellata, filwaqt li tirrileva li hija wkoll intavolat appell mid-deċiżjoni appellata, tissottometti li hija taqbel mal-argumenti li qiegħed iressaq il-Kummissarju, u li hija ressqet aggravji simili fl-appell tagħha permezz tat-tieni u tat-tielet aggravju. Tgħid li m'għandhiex wisq x'iżżid, u tistrieħ fuq dak li jingħad mill-Kummissarju u fit-tieni aggravju tal-appell tagħha, iżda tgħid li tixtieq tagħmel aċċenn fuq l-aktar punti importanti li fuqhom jistrieħ l-aggravju tal-Kummissarju appellant, kif ġej: (i) ir-rwol tat-Tribunal bħala tribunal amministrattiv imwaqqaf sabiex jistħarreġ id-deċiżjonijiet tal-Kummissarju

appellant, kienu l-parametri stabbiliti mill-Kap. 586, li *"mhux dak li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-awtorità pubblika, lanqas biex tiddeċiedi jekk ir-raġunijiet li a bażi tagħhom eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha kellhomx missewwa jew le, iżda biex tara jekk a bażi tal-informazzjoni li kellha l-awtorità pubblika fil-mument li eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha, setgħetx jew le tasal għad-deċiżjoni li ħadet. Jekk id-deċiżjoni kienet waħda li l-awtorità pubblika setgħet raġonevolment tasal għaliha, allura dik id-deċiżjoni m'għandhiex titħassar";* (ii) il-qorti jew it-tribunal fl-eżerċizzju ta' reviżjoni għandu jaġixxi fl-ambitu tal-aggravji u l-ilmenti miġjuba fir-rikors tal-appell/promotur; (iii) għalhekk it-Tribunal kien tenut jikkunsidra d-deċiżjoni appellata fid-dawl tal-ilment imressaq u l-appell tal-appellanti skont l-aggravji, iżda ma setax jieħu in konsiderazzjoni fattur li ma kienx jagħmel parti mill-ilment, u kwalsiasi fattur jew argument li ma kienx indikat fir-rikors promotur intavolat mill-appellanti; (iv) l-ilment sar fil-konfront tal-paġna in kwistjoni, u l-Kummissarju kien sab li huwa *"did not come across any evidence during the course of his investigation which unequivocally demonstrates that there was unauthorised disclosure of the complainant's personal* data *to the third party. Consequently, the Commissioner hereby decides that the controller did not infringe the provisions of the Regulation and dismissed the complaint in its entirety";* (v) fir-rikors tal-appellanti li sar quddiem it-Tribunal ingħad li l-informazzjoni ppreżentata, it-Tribunal seta' jasal għall-konklużjoni li l-paġna in kwistjoni kienet ittellgħet fit-18 ta' Novembru, 2019; (vi) għalhekk il-Kummissarju kellu jinvestiga jekk tassew l-imsemmija paġna ttellgħet fit-18 ta' Novembru, 2019, u kull investigazzjoni oħra kellha tkun *extra petita*; (vii) it-Tribunal minn jeddu ordna l-ħatra ta' espert forensiku diġitali sabiex jistabbilixxi meta ttellgħet il-paġna in kwistjoni, u l-

partijiet espressament qablu li l-inkarigu kellu jkun sabiex *"jikkjarifika meta dan l-istess artikolu ġie ppublikat fuq is-sit https://www.offshorealert.com/."*; (viii) l-espert forensiku diġitali kkonferma li l-paġna ma ttellgħetx fit-18 ta' Novembru, 2019, iżda eżamina żewġ paġni oħra li ma kienux jagħmlu parti mill-ilment, u stabbilixxa li waħda minnhom kienet ġiet ippubblikata fit-18 ta' Novembru, 2019; (ix) id-deċiżjoni appellata straħet fuq din l-aħħar konklużjoni tal-espert forensiku diġitali. L-Awtorità appellata tirrileva li anki d-deċiżjoni appellata għandha tiġi mħassra għaliex: (a) hija *ultra vires;* (b) kien hemm żball manifest fil-konklużjonijiet tal-espert forensiku diġitali, liema konklużjonijiet straħ fuqhom it-Tribunal; (ċ) *dato ma non concesso* li l-allegazzjonijiet tal-appellanti jirriżultaw fattwalment fondati, dawn ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala ksur ta' *data* personali min-naħa tagħha.

13. Il-Qorti tgħid li l-Kummissarju appellant m'għandux raġun, u l-aggravju tiegħu għalhekk ma jistax jintlaqa'. Fid-deċiżjoni tiegħu huwa rrileva s-segwenti fir-rigward tal-ilment tal-appellanti fil-konfront tal-Awtorità appellata: *"The complainants alleged that ... the decision, including their personal* data*, were published on the website www.offshorealert.com ... on the 18th November 2019".* Iżda wara li kkunsidra l-ilment li tressaq mill-imsemmija appellanti, huwa ddikjara li ma sab l-ebda prova ċara li kienet turi li kien hemm żvelar mhux awtorizzat tad-dettalji personali tagħhom lil terzi, u b'hekk ċaħad l-ilment tagħhom. L-appellanti appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal, li ddeċieda li kellu jinħatar *Digital Forensic Expert,* u stieden *"...lill-partijiet sabiex b'nota konġunta anke permezz ta' email jinfurmaw lit-Tribunal fuq l-isem ta' dan l-espert li jaqblu fuq sabiex jiġi nominat minn dan il-Bord u jaqblu wkoll fuq l-inkarigu mogħti lil dan l-espert."*. It-Tribunal sussegwentement ikkonferma n-

nomina ta' Keith Cutajar bħala espert tal-IT, fejn l-inkarigu tiegħu kellu jkun ta' *Website Technical Content Auditor.*

14. Fir-rapport tiegħu maħluf quddiem it-Tribunal waqt l-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2023, l-espert forensiku diġitali ddikjara li huwa kien ittenta jaċċessa s-sit https://www.offshorealert.com/e-and-s-consultancy-ltd-malta-fsa-licence-cancellation.aspx, jiġifieri s-suġġett tal-ilment tal-appellanti, iżda r-riżultat ma kienx wieħed ta' suċċess, u s-sit (URL) ma nstabx fuq is-*server* kif evidenzjat mir-Ritratt 1 fl-istess rapport tiegħu. Jispjega li għalhekk b'riferiment għall-artiklu in kwistjoni, huwa uża *search engine crawling*. Filfatt it-tentattiv tiegħu rriżulta f'artiklu li kien ġie ppubblikat fuq dak is-sit fil-25 ta' Novembru, 2019, iżda mill-HTML *data* li huwa pproduċa fir-rapport tiegħu, huwa qal li rriżulta wkoll li l-artiklu kien *tag-linked* ma artiklu ieħor intestat *"E&S Consultancy Ltd.: Cancellation of Registration",* li kien ittella' fit-18 ta' Novembru, 2019. Hawnhekk ukoll huwa pproduċa evidenza tal-*BTX entry content,* li kien jindika proprju din id-data. L-espert forensiku diġitali għalhekk ikkonstata li l-*link* għal dan l-artiklu li rnexxielu jittraċċa kien https://www.offshorealert.com/es-consultancy-ltd-cancellation-of-registration/, liema link il-Qorti tagħraf li huwa kemmxejn differenti minn dak indikat mill-appellanti permezz tal-*Letter of Confirmation* tal-5 ta' Frar, 2021, maħruġa minn Growth Gurus Limited. Iżda huwa kkonstata wkoll li fil-*backend HTML properties* tas-sit kien sab li l-awtur kien ċertu David Marchant, u li l-artiklu tassew ġie ppubblikat fit-18 ta' Novembru, 2019. Hawnhekk ukoll l-espert forensiku diġitali ppreżenta evidenza tal-imsemmija *backend HTML properties,* kif ukoll tal-*META properties,* li kienu juru li l-awtur possibilment għamel xi tibdil fil-paġna in kwistjoni fil-25 ta' Novembru, 2020. Għalhekk huwa ddikjara li minn dan kollu seta' jikkonkludi li

l-paġna msemmija tassew ġiet ikkreata għall-ewwel darba fit-18 ta' Novembru, 2019. It-Tribunal aċċetta l-konklużjoni tiegħu u straħ fuqha għad-deċiżjoni finali.

15. Il-Qorti ma ssibx li l-Kummissarju għandu raġun meta jinsisti li t-Tribunal ħareġ 'il barra mill-parametri tal-ilment ippreżentat mill-appellanti. Huwa jinsisti li t-Tribunal iddeċieda dwar *link* ta' artiklu li ma kienx jagħmel parti mill-imsemmi lment, u jippretendi li l-espert kellu jieqaf fl-inkarigu tiegħu mat-tentattiv tiegħu bla suċċess sabiex jaċċessa s-sit https://www.offshorealert.com/e-and-s-consultancy-ltd-malta-fsa-licence-cancellation.aspx. Il-Qorti tgħid li l-espert tekniku diġitali għall-kuntrarju ma kellux jieqaf hemm, għaliex altrimenti ma kien ikun hemm bżonn l-ebda ħatra ta' espert għal tfittxija sempliċi li setgħet saħansitra titwettaq mit-Tribunal. Ċertament il-Qorti ma tarax li l-inkarigu tiegħu kellu jkun daqstant sempliċi, u l-għan tat-Tribunal bla dubju kien sabiex possibbilment jittraċċa l-artiklu suġġett tal-ilment li ma kienx jidher iktar il-*link* tiegħu fuq is-sit mogħti mill-appellanti. Wara kollox ma kienx il-*link* is-suġġett tal-ilment, iżda l-imsemmi artiklu. Il-Qorti tippretendi li dan kellu jagħmlu l-Kummissarju wara li rċieva l-ilment mingħand l-appellanti, minflok ma straħ fuq dikjarazzjoni ta' terza persuna, u dan fejn huwa kien rinfaċċat minn stqarrija u informazzjoni daqstant ċara mill-esperti nkarigati *ex parte* mill-appellanti. Il-Qorti tifhem li sadanittant kien għadda żmien mhux ħażin mid-data tal-artiklu suġġett tal-ilment, u għalhekk l-awtur ċertament konsapevoli tal-ilment li kienu ppreżentaw l-appellanti quddiem il-Kummissarju, kellu l-libertà kollha li jagħżel li jostor jew b'xi mod ibiddel l-indizji li setgħu jwasslu għall-artiklu ilmentat. Hekk jidher li filfatt sar kif issuġġerixxa l-espert forensiku diġitali, għaliex irriżulta li sar tibdil fil-25 ta' Novembru, 2019,

fil-paġna oriġinali li ġiet ikkreata fit-18 ta' Novembru, 2019. Kien proprju dan li bla dubju fehem it-Tribunal, u għalhekk id-deċiżjoni appellata hija tajba u anki ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravju tal-Kummissarju ġustifikat, u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell odjern, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-Kummissarju.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**